# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 008/2019

14 ta' Novembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | – Sindku |
| Marco Agius | – Vici-Sindku |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Noyah Spiteri Hammett | – Kunsilliera |
| Melanie Agius Attard | - Kunsilliera |

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku, ppresjediet l-laqgha.

Is-Sindku qrat e-mail li permezz taghha il-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett talbet lill-Kunsill Lokali jiggustifika l-assenza taghha mis-seduta minhabba ragunijiet ta' xoghol. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-assenza tal-Kunsilliera Spiteri Hammett kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

Is-Sindku qrat e-mail li permezz taghha il-Kunsilliera Melanie Agius talbet lill-Kunsill Lokali jiggustifika l-assenza taghha mis-seduta minhabba ragunijiet ta' sahha. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-assenza tal-Kunsilliera Agius kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

## 08.1 Jum Bormla 2019

08.1.1 Is-Sindku qrat lill-Kunsilliera prezenti il-minuti tal-bord mahtur mill-Kunsill Lokali bil-ghan illi ssir rakkomandazzjoni dwar min kellu jinghata Gieh Bormla 2019. Wara li inqraw il-minuti, kien hemm diskussjoni libera li matulha Gew diskussi in-nomini li kien ircieva l-Kunsill Lokali u r-rakkomandazzjoni li kienet saret bil-ghan illi Gieh Bormla 2019 jinghata lis-Sur Joseph Serracino.

Is-Sur James Cauchi qal illi filwaqt li ma kienx jaqbel illi jkun hemm *runner up* ghan-nomina fl-opinjoni tieghu, is-Sur Serracino kien bniedem validu li fl-2017 kien inghata rikonoxximent ghall-qadi tar-repubblika.

Is-Sur Martin Vella sahaq illi min-naha tieghu ma kienx jaqbel mal-ghazla u kien tal-opinjoni illi l-bord ma kienx maghmul tajjeb.

Is-Sur Johann Scerri qal illi fl-opinjoni tieghu il-ftuh tan-nomini kellu jkun qabel id-data stabbilita fl-2019. Huwa zied jghid illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jaghti rikonoxximent lil iNdividwi illi kienu qieghdin inaddfu b'mod volontarju u regolari madwar Bormla.

Filwaqt li infurmat lis-Sur Scerri illi l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jirrikonoxxi l-hidma volontarja tal-individwi li kienu qieghdin inaddfu madwar Bormla, is-Sa. Zerafa Civelli ghaddiet mozzjoni bil-ghan illi tigi sospiza s-seduta sabiex tkun tista' tinzamm diskussjoni informali dwar il-materja. Dan peress illi fl-opinjoni tas-Sa. Zerafa Civelli kienet ser tissemma' informazzjoni li ma kienx xieraq illi tkun imxandra online. Is-Sur Marco Agius issekonda l-mozzjoni tas-sa. Zerafa Civelli li ghaddiet b'votazzjoni unanima. Is-seduta giet sospiza fis-6:38 p.m.

Is-seduta tkompliet fis-7:05pm. wara li l-membri dahlu lura fil-kamra.

Is-Sindku ghaddiet mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord u jaghti Gieh Bormla lis-Sur Joseph Serracino. Is-Sur Marco Agius issekonda u kien hemm votazzjoni unanima.

Is-Sur Martin Vella, sahaq illi huwa kien jaqbel mar-rakkomandazzjoni izda kien tal-fehma illi kellhom jigu emendati il-linji gwida li jirregolaw Gieh Bormla. Kien hemm qbil bejn il-membri prezenti illi r-rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Vella kellha tigi implimentata.

**Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta giet fi tmiemha fit-7:05p.m.

Konfermati, illum ________________________________

___iffirmat______________________________________________iffirmat__________

**Alison Zerafa Civelli**
Sindku

**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv